# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 525/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jesmond Zarb**

Illum 22 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Jesmond Zarb**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 130264(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-26 ta' Lulju 2016 għall-ħabta ta' 14:30hrs u l-14:45hrs, ġewwa l-iSptar Sir Paul Boffa, Sqaq Harper, il-Furjana;

1. kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

2. għamel lil Miriam Genuis inġurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

3. inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' Miriam Genuis inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienet tagħmel jew minħabba li kienet għamlet dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmija Miriam Genuis u tapplika l-provedimenti ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Novembru 2016 fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u lliberatu minnha, wara li rat Artikoli 95(1) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u għat-tieni (2) imputazzjoni kkundannatu ammenda ta' tmienja u ħamsin Euro (€58) u għat-tielet (3) imputazzjoni kkundannatu multa ta' tmien mitt Euro (€800). *Inoltre*, sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Miriam Genuis u tal-familjari tagħha kif ukoll sabiex tissalvagwarda l-bon-ordni pubbliku, wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti rabtet lil ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena minn dakinhar tas-sentenza taħt penali ta' elf Euro (€1,000).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: "***<u>TIRRIFORMA</u>*** *s-sentenza billi filwaqt li* ***TIKKONFERMAHA*** *fil-parti fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni,* ***TĦASSARAHA u TIRREVOKAHA*** *fil-parti fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet billi tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom; jew sussidjarjament* ***<u>TIRRIFORMA</u>*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.*"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-25 ta' April 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta b'dan illi fis-seduta msemmija l-*parte civile* Genuis infurmat lil din il-Qorti li kienet qed tirrinunzja għal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell imressaq mill-appellant Jesmond Zarb in segwitu ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-2 ta' Novembru 2016.

Illi qabel tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal lill-appellant jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi fl-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Affidivat ta' **WPS 217 Alison Formosa** (*a fol.* 3) u affidavit ta' **PC 1134 Daniel Jacob Agius** (*a fol.* 5 *et seq.*). Fl-ewwel affidavit hemm riferenza għal rapport magħmul mill-*parte civile* ċ-*charge nurse* Miriam Genuis dwar insulti u theddid li

allegatament saru lilha mill-*general hand* l-appellant dwar dak li ġara fis-26 ta' Lulju 2016. Fit-tieni affidavit hemm riferenza għall-akkadut imsemmi fl-ewwel affidavit. Jingħad li fil-konfront tal-*parte civile*, l-appellant uża' l-kliem ta' *"ħadra, kattiva"* u *"Int ma tafx kemm jien aħdar aktar minnek, nibqa' nibqa' sakemm inpattihielek lilek u lill-istaff"*. Minn naħa tiegħu l-appellant kien għarraf lil PC 1134 Daniel Jacob Agius li kienu qed isiru allegazzjonijiet fuqu dwar ftuħ ta' purtieri fuq il-pazjenti u li jittawwalhom b'detriment għall-privatezza tagħhom. Jingħad li l-appellant qal li ċ-*charge nurse* kienet tgħajjat miegħu u ma' persuna oħra quddiem il-pazjenti u kien tkeċċa mill-i*staff room* u mill-kamra fejn jidħlu l-pazjenti biex jiddewwew. Jingħad ukoll li l-*parte civile* kienet qed ixxerred malafama fuq l-appellant u fuq persuna oħra.

- Il-*parte civile* **Miriam Genuis** (*a fol.* 15 *et seq.*) xehdet li fis-26 ta' Lulju 2016 il-*manager* kien laqqa' lill-appellant u lilha sabiex ikunu jistgħu jimxu aħjar flimkien. Tgħid li f'ħin minnhom l-appellant kien għajjarha li kienet *"mara ħadra"* u li hu kien aktar aħdar minnha u li kien ser ipattiha lilha u lill-istaff kollu. Tgħid li qal il-kliem: *""issa tara x'inhu ġej għalikom, jiena nispiċċa nkeċċik minn fuq ix-xogħol, jagħtuk transfer""* (*a fol.* 15). Tgħid li l-pazjenti kienu jgorru li l-appellant kien jidħol fuqhom meta hija kienet twiddbu li hemm ma kienx postu għaliex hu la kien tabib u lanqas *nurse*. Tgħid li beżgħet bil-kliem li qal l-appellant u li l-appellant kien idejjaqha ħafna bil-ħarsa ta' għajnejh u kien jipprova ma jħallihiex tgħaddi mill-bieb. Fil-<u>kontro-eżami</u> qalet li meta mar biex ikellimha qaltlu li kien tard wisq. Tgħid li għandha ma kienet waslet ebda skuża – la diretta u lanqas indiretta. Ċaħdet li għamlet xi allegazzjoni dwar xi relazzjoni li seta' kien hemm bejn l-appellant u persuna oħra. Tgħid li ħadet qatgħa meta daħlet fil-kċina u sabet lill-appellant u l-persuna l-oħra id f'id.

- **Lawrence Bonavia** (*a fol.* 20 *et seq.*) li huwa ċ-*Chief Nursing Manager* tal-iSptar Sir Paul Boffa qal li l-appellant huwa *health assistant* waqt li l-*parte civile* hija ċ-*charge nurse*. Jgħid li l-*parte*

*civile* kienet tagħmillu rapporti li l-appellant kien imur jiftaħ il-purtieri fuq il-pazjenti waqt li l-appellant kien jinnega. Jixhed li kien sejħilhom fl-uffiċju tiegħu sabiex jipprova jirranġa d-differenzi ta' bejniethom iżda spiċċaw jargumentaw. Jgħid li l-appellant kien qal lill-*parte civile* li kien ser ipattiha lilha u lil sħabha u li l-għada l-appellant talab laqgħa biex jiskuża ruħu. Jispjega li l-*parte civile* qaltlu (lil Bonavia) sabiex imur magħha l-Għassa tal-Pulizija tal-belt Valletta sabiex tagħmel rapport għax ħassitha mbeżżgħa u eċitata. Jgħid li minħabba l-inċident, l-appellant kien qala' sospensjoni ta' ħamest ijiem ta' xogħol. In <u>kontro-eżami</u> qal li l-*parte civile* riedet toħroġ 'il barra għax ma felħitx tisma' insinwazzjonijiet oħra. Jgħid li hija ma riditx l-apoloġija u minflok għażlet li tmur tirrapporta għax kienet aġitata. Jgħid ukoll li darba kien hemm każ fuq inċident li nqala' fil-kuritur fejn l-appellant kien qala' twiddiba bil-miktub. Jgħid li kien preżenti meta saret l-allegazzjoni ta' ħbiberija kbira bejn l-appellant u persuna oħra imma ma ngħadx direttament li kien hemm relazzjoni.

- **Marisa Bugelli** (*a fol.* 26 *et seq.*) qalet li waqt laqgħa tal-MUMN, il-*parte civile* kienet qalet li nħasdet meta daħlet fil-kċina u sabet lilha (lil Bugelli) u lill-appellant ħdejn xulxin. Tgħid li l-appellant qatt ma kien tellifha fix-xogħol tagħha u li kif il-*parte civile* kienet tarhom jitkellmu, hija kienet twaqqafhom għal xejn.

- L-appellant **Jesmond Zarb** (*a fol.* 31 *et seq.*) qal li fuq l-iskuża kien kellem biss lil Lawrence Bonavia u mhux lill-*parte ċivile* u li Bonavia kien tah risposta negattiva. Jgħid li hu ma jbeżżax nies u li f'għoxrin sena qatt ma kellu nkwiet man-nies u li lill-*parte civile* kien jirrispettaha u anke hi kienet tirrispettah. Jgħid li kienet daħlet l-għira u ppruvaw jaqilgħu affarjiet fuqu u fuq Marisa Bugelli. Huwa ammetta li kien qalilha *"kattiva"* lill-*parte civile* imma hija kienet tgħajjat magħhom u għamlitilhom ħajjithom diffiċli. Jgħid li kien qalilha li kien ser ipattihielha iżda hu ried ifisser li f'każ li kienet ser tagħmillu rapport, hu kien ser jagħmlilha rapport ukoll.

> Jgħid li l-*parte civile* kienet il-ħin kollu tigdeb fuqu għax mhux veru li għamel subgħajh ma' għajnejha. Jikkonferma li kien ħareġ subgħajh imma jgħid li kien qed jirraġuna mal-*parte civile*.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi. Jgħid li huwa qatt ma hedded, għajjar jew beżża' lill-*parte civile* u li l-Ewwel Qorti skartat il-verżjoni tiegħu u ta' Bonavia u qagħdet biss fuq dak li xehdet il-*parte civile*. Jisħaq li bil-kelma *"inpattihielek"* ried jgħid biss li f'każ li l-*parte civile* kienet ser tirrapportah, huwa kien ser jirraporta lilha wkoll. Jgħid li hu ried jitlob skuża iżda l-*parte civile* irrifjutat din l-iskuża. Jisħaq li ma tressqet ebda prova quddiem l-Ewwel Qorti li l-*parte civile* hija uffiċjal pubbliku meta għandha titressaq l-aħjar prova. Jgħid li t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni huma alternattivi u għalhekk ma setax jinstab ħati tagħhom it-tnejn. Jgħid li din ma kinitx sitwazzjoni ta' ċittadin kontra uffiċjal pubbliku għaliex hu u l-*parte civile* huma kollegi. Kompla jissottometti li l-kliem li qal ma jammontawx għar-reat imsemmi f'Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li huwa nieqes l-element tal-intenzjoni u li hu żgur ma heddidtx uffiċjal pubbliku.

Illi huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma

> tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali irriżulta bl-aktar mod ċar li dakinhar tas-26 ta' Lulju 2016 l-appellant inġurja u hedded lill-*parte civile* Miriam Genuis. M'hemmx dubju dwar il-kliem użat mill-appellant *ossia* li l-*parte civile* kienet "*ħadra*" u "*kattiva*"' u li hu kien ser ipattiha kemm lilha kif ukoll lill-istaff tagħha. L-appellant ipprova jispjega li kien ser jillimita ruħu li jekk il-*parte civile* tkun responsabbli għal xi trasferiment, huwa kien ser jagħmel l-istess lilha u lill-istaff tagħha. Dan bl-ebda mod ma jnaqqas l-element tat-theddid mhux biss għaliex Genuis baqgħet tħossha inkwetata sal-jum meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti iżda wkoll għaliex subaltern li jkun qed ikun kkoreġut minn min jiġi fuqu bl-ebda mod ma jista' jhedded lil min hu *in charge* tiegħu. Jekk wieħed jaċċetta li l-appellant ried biss ipattieha lill-*parte civile* billi hi u l-istaff jieħdu *transfer*, dan huwa theddid ukoll. Lanqas ma titbiddel is-sitwazzjoni billi wara l-appellant jipprova jitlob skuża.

Illi l-appellant jissottometti wkoll li l-Ewwel Qorti straħet fuq ix-xiehda tal-*parte civile* u mhux fuq dik mogħtija minnu. Dwar dan, din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti setgħet tagħmel hekk għax mhux kull kunflitt fil-provi jwassal għal-liberatorja. Il-Qorti għandha teżamina l-provi bir-reqqa biex tara liema verżjoni tkun verosimili u jekk verżjoni għandha aktar mill-verita', allura

tagħżel lilha. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, din il-Qorti tasal għall-istess konklużjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

Illi l-appellant jissottometti wkoll li ma saritx il-prova li l-*parte civile* Genuis hija uffiċjal pubbliku. Għandu jingħad li l-prova li wieħed huwa uffiċjal pubbliku ma ssirx biss billi xi uffiċjal jikkonferma li t-tali persuna hija impjegata fis-servizz ċivili skont ir-*records*. Fl-atti proċesswali hemm id-depożizzjoni taċ-*Chief Nursing Manager* tal-iSptar Paul Boffa fejn seħħ l-akkadut u ċioè Lawrence Bonavia (*a fol.* 20 *et seq.*) fejn filwaqt li qal li l-*parte civile* għandha l-kariga ta' *charge nurse*, qal ukoll li l-appellant huwa *health assistant*. B'hekk isegwi li l-kariga ta' uffiċjal pubbliku tal-*parte civile* Genuis ġiet sodisfaċentement ippruvata.

Illi l-appellant jissottometti li l-kwistjoni f'dan il-każ kienet waħda bejn kollegi. Dwar dan din il-Qorti tinnota li Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħmilx distinzjoni sakemm l-inġurja jew it-theddid isir jew isiru (a) filwaqt li l-uffiċjal pubbliku jkun qed jagħmel is-servizz pubbliku jew (b) inkella minħabba li jkun għamel dan is-servizz pubbliku jew (ċ) bil-ħsieb li jbeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dan is-servizz. Jingħad li parti mix-xogħol tal-*parte civile* Genuis huwa d-dixxiplina u kien propju waqt li kienet qed tagħmel dan u għax diġa' kienet qed tagħmel dan li saru l-inġurji u t-theddid. Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta bl-ebda mod ma jeskludi inġurji u theddid li ġejjin minn subalterni.

Illi l-elementi tar-reat taħt Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jsiru riferenza għalihom fir-Rikors tal-appell tal-appellant huma kollha preżenti f'dan il-każ. In fatti l-appellant mhux biss hedded lill-*parte civile* imma kellu wkoll l-intenzjoni li jagħmel hekk biex hu jwaqqafha milli tagħmel ir-rapporti li fil-fehma tagħha kellha tagħmel. Kif jgħid il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Noti tiegħu <u>Notes on Criminal Law (First Year – Criminal Law)</u>:

> "in most cases the law regards the criminal act itself as sufficient 'prima facie' proof of the existence of the criminal intent."

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha u minkejja li quddiem din il-Qorti l-*parte civile* ddikjarat li kienet qed tirrinunzja għal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-appellant, din il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju huwa dwar il-piena erogata li skont l-appellant hija waħda eżaġerata stante li l-Ewwel Qorti setgħet ikkunsidrat li l-appellant kien ipprova jiskuża ruħu. Jisħaq li t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu huma alternattivi.

Illi fir-rigward tal-piena li temani minn Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jingħad li skont l-Artikolu msemmi meta wieħed jinstab ħati tiegħu huwa:

> "jeħel [...] il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux anqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5000)."

Illi jirriżulta li l-Ewwel Qorti imponiet multa ta' tmien (€800) fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni u ammenda ta' tmienja u ħamsin Euro (€58) għat-tieni (2) imputazzjoni. Jirriżulta wkoll li l-Ewwel Qorti applikat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet billi rabtet lill-appellant taħt obbligazzjoni għal perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza taħt penali ta' elf Euro (€1,000).

Illi din il-Qorti tqis li t-tieni (2) imputazzjoni hija assorbita fit-tielet (3) imputazzjoni u għaldaqstant fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet għandu jiġi applikat Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Jesmond Zarb u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' tmien mitt Euro (€800);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas ammenda ta' ħamsa u tmenin Euro (€85);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Miriam Genuis u tal-familjari tagħha kif ukoll sabiex tissalvagwarda l-bon-ordni pubbliku, wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti rabtet lill-appellant taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena taħt penali ta' elf Euro (€1,000) u dana stante li l-*parte civile* rrinunzjat għal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-appellant.

__________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

__________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**